Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018**

**SEDUTA NUMRU 17**

**IT-TNEJN 28 TA' MARZU 2016 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| THERESA VALENTINO | KUNILLIER |

Il-Kunsillieri M. Miceli u A. Chetcuti infurmaw li ma setghux jattendu ghal din is-Seduta minhabba li kienu jinsabu ma jifilhux. Il-Vici Sindku talab sabiex jigi skuzat minhabba li kien jinsab ma jiflhax fil-waqt li l-Kunsillier M. Fava ma setax jattendi minhabba mpenji ta' xoghol mportanti ohra.

**Is-Sindku qal it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 16 gew approvati. Il-Kunsillier P. Fenech ippropona u l-Kunsillier M. Abela issekondat.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

Il-Kunsillier A. Curmi rrimarka dwar il-kont tal-porvista tad-dawl ta' Cenrtu Civiku li thallas mill-Kunsill. Hu staqsa sabiex jsir kont seperat f'isem il-Kunsill sabiex dan jindika li dawn il-flejjes thallsu ghal-dawl li intuza mill-Kunsill.

Il-Kunsillier A. Curmi staqsa sabiex jsir spejgazzjoni cara fiex se jibdew jikkonsistu l-kontijiet tal-kuntrattur tal-gbir ta' skart u l-ammontu rispettivi taghhom sabiex il-Kunsill jkun nfurmat bl-ispiza totali aparti dik marbuta mal-kuntratt kurrenti minhabba l-progett pilota tal-Wasterserv. Is- Segretarju Ezekuttvi nforma li l-Wasteserv se jaghmlu tajjeb ghal gabra wahda biss, dik ta' kull nhar ta' Tnejn. Huwa nforma wkoll li l-Kunsill ghandu konferma bil-miktub minnghand il-Wasterserv dwar din il-materja. Il-Kunsillier irrefera wkoll ghall-ispiza li l-Kunsill hallas sabiex jerga' jiddisinja materjal iehor bil-hinijiet u l-granet godda ta' gbir ta' skart. Huwa ssugerixxa sabiex jintbaghat kont ta' din l-ispiza lil Wasteserv.

Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk il-Kunsill hux se jaghmel tajjeb ghal spiza ta' iktar vjaggi li l-kuntrattur qed ikollu jaghmel lejn l-impjant ta' Sant Antnin. Hija giet infurmata li l-Kunsill mhux se jhallas spejjez ohra ghajr dawk stipulati fil-kuntratt ta' gbir ta'skart. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li l-Kunsillier A. Chetcuti kellu jaghmel kuntatt mal-kuntrattur ikkoncernat kif ukoll mal-Wasterserv rigward din il-materja.

Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk il-Kunsill ircivix xi risposta minn naha tal-MEPA rigward it-tibdil propost fin-North Harbour Local Plan. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghalkemm intbaghtu diversi reminders, l-unika nformazzjoni li ghandu l-Kunsill hija li d-Diretorrat ta' l-Ippjanar ghadu qed jikkonsidra t-talbiet kollha li sarulu u ghaldaqstant m'hemm l-ebda konferma.

Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi zvilluppi godda dwar it-talba li l-Kunsill ghamel sabiex issir bankina fin-nizla tal-Wied Ghomor habba s-sigurta' ta' dawk li jkunu ghaddejjin bil-miexi minn din it-trejqa. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li kull xahar jintbaghtu reminders pero' sfortunatament s'issa, il-Kunsill ma rceva l-ebda konferma li din il-bankina se ssir.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## III RAPPORTI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku pprezenta rapport idettaljat dwar il-hidma tieghu u l-laqghat li kellu mill-ahhar Seduta sa issa. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

2. Huwa rrimarka dwar il-Gnien li jinsab ezatt fl-entratura ta' Victoria Gardens fi Triq il-Barmil. Hu ssugerixxa li dan il-gnien ghandu jigi refurbished kif ukoll jikber iktar. Huwa ssugerixxa li ghandu jiddiskuti mal-Perit dwar dan. Il-Kunsill unanimament qabel ma ' dan is-suggeriment.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Kunsillier A. Curmi</u>

1. Il-Kunsillier pprezenta rapport idettaljat ta' xi xoghlijiet li ghad irridu jigu mhejjija. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. C.

2. Huwa rrefera ghall-lista li fil-bidu ta' xhur Sajfin, il-MEPA tibghat lil dan il-Kunsill, b'dawk it-toroq li ma jkunx permess li jsir twaqqiegh ta' bini fihom matul ix-xhur ta' Sajf. Huwa ssugerixxa sabiex mat-toroq li jkunu ga msemmija jizdiedu toroq ohra. Is-Segretarju Ezekuittiv talab lil kull kunsillier sabiex jissottometti l-ismijiet tat-toroq li ghandhom jizdied m' lista eziztenti ta' Tourist Zone.

3. Il-Kunsillier informa li rega' hemm hsarat fil-culvert ta' Triq il-Qasam kantniera ma' Triq is-Sidra. Is- Segretarju Ezekuttvi ha l-inkairgu li jinforma lill-kuntrattur.

4. Huwa nforma wkoll dwar madum u ghaldasqtant perikoluz fi Triq is-Swieqi l-aktar quddiem il-hwienet. Is- Segretarju Ezekuttiv wieghed li se jinforma lill-kuntrattur ikkoncernat.

<u>Mill-Kunsillier P. Fenech</u>

1. Il-Kunsillier staqsa jekk saru xi zvilluppi dwar il-kont pendenti li l-Kunsill huwa dovut li jhallas lill-Perit Camilleri. Is- Sindku nforma li huwa ghadu ghaddej bid-diskuzzjonijiet sabiex jekk jista jkun jitnaqqas dan il-kont, fil-fatt huwa qed jistenna appuntament ma' persuna li jista' jkun ta' ghajnuna f' din il-materja.

2. Huwa staqsa dwar l-ispejjez involuti sabiex il-Kunsill jorganizza l-korsijiet tal-kompjuters. Huwa gie nfurmat li l-Kunsill se jibda' jhallas €1,100.00 fis-sena kif ukoll l-ispejjez kolha dviti ghad-dawl u ilma u s-sala se tkun okkupata tul il-perjodu tal-korsijiet.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI- ikomplu**

<u>Mill-Kunsillier P. Fenech - ikompli</u>

3. Il-Kunsill gie nfurmat li bhalissa ghaddej studju xjentifiku dwar Wied Ghomor u meta dan l-istudju jkun ffinalizat , huwa se jiehu l-inkarigu li jispjega fid-dettal permezz ta' prezentazzjoni, ir-rizultati finali.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux kuntatti mal-kuntrattur li kien responsabli mill-kostruzzjoni bit-tarmak ta' Triq il-Qasam minhabba l-hsarat li qed jizvolgu fil-vicinanza ta'zebra crossing fl-istess triq. Is-Sindku nforma li kemm il-kuntrattur kif ukoll il-Perit huma nfurmati. Is- Segretarju Ezekuttiv informal I huwa wkoll kellu kuntatti mal-kuntrattu fejn gie mwieghed li dan se jibda' xoghol mill-aktar fis.

<u>Mill-Kunsillier T. Valentino</u>

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk kienx hemm xi kommunikazzjoni minn naha tal-MEPA dwar l-ittra li l-Kunsill bghat dwar il-porgett tal-barriera. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sfortunatament s'issa, il-Kunsill ghadu bla ebda *feedback*. Huwa nforma li se jibghat *reminder* dwar din il-materja.

2. Hija staqsiet jekk dawk li japplikaw ghal-permess ta' makkinarju fit-toroq tal-lokalita humiex obbligati li jwahhlu l-permess taghhom mal-vettura biex jidher sew minn barra. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kull applikant huwa obbligat li jaghmel dan u meta wiehed jigi japplika, il-haddiema tal-Kunsill jergghu jfakkruh.

3. Il-Kunsillier ippropniet sabiex jigi nstallat bus-shelter fejn hemm bus-stop f' Victoria Gardens peress li diversi residenti avvicinawha biex dan jsir. Wara diskuzzjoni, gie deciz li dan jigi inkluz fil-pjanti li se jsiru dwar il-gnien li hemm fil-vicinanza.

4. Hija rreferiet ghall-entratura tal-mini fi Triq is-Swieqi fejn infurmat li ta' kuljum qed jizdied il-periklu ghal min jghaddi minn din iz-zona bil-miexi peress li issa traffiku zdied b'mod sostanzjali. Is- Sindku wiegeb li din se tkun inkluza fi pjan ta' tibdil li se jsir biex itejjeb l-access ghall-lokalita'.

5. Il-Kunsillier issugeriet li ssir zebra-crossing fil-bidu ta' Sqaq Lourdes. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ghalkemm dawk prezenti jaqblu li jkun ghaqli li ssir din iz-zebra crossing, din il-materja ghandha terga' tigi diskussa fis-seduti li jmiss.

6. Il-Kunsillier ipprezentat rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-minuti bhala App. B.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI- ikomplu

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk hemm xi data pjanata meta l-pubbliku se jkun jista' juza' it-tennis court. Is- Sindku wiegeb li bhalissa qed jaslu l-applikazzjoni ta' dawk il-persuni li huma nterresanti li jamministraw dan it-tennis court fil-waqt li qed jitwahhal apparat li se jintuza biex jirregola d-dhul u l-hrug tal-persuni li jaghmlu uzu minnu.

## V APPROVAZZJONI TA' L-ESTIMI FINANZJARJI

Is- Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill, l-estimi finanzjajri ghas-sena 2016 li gew mibghuta lil kull kunsillier minn qabel permezz email. Wara diskuzzjoni, is-Sindku ppropona u l-Kunsillier M. Abela ssekondat. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti. Ghaldaqstant dawn l-estimi gew approvati bil-kundizzjoni li jigu riveduti fejn mehtieg.

## VI APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru.16, u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App.D), hadd ma ogezzjona u ghaldaqstant dawn il-pagamenti kollha gew approvati. Il-Kunsillier A. Curmi ppropona u s-Sindku ssekonda.

## VII KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Is- Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li wasal zmien sabiex terga' tinhareg sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' Handyman kif ukoll ghall-manutenzzjoni ta' bankini u patching. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ghandu jigi ppublikat dan l-avviz.

2. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li ghalkemm huwa favur li nutilzzaw kull kamra ta' l-ufficni tal-Kunsill, huwa ferm importanti li dawk kollha li jkunu se jorganizzaw xi attivita' fil-bini tal-Kunsill jimxu ma' l-iskeda u jigi vverifikat sew jekk fil-hin li jixtiequ hemm xi attivita ohra allokata sabiex nevitaw li jsiru *double-bookings.* Wara dizkuzzjoni gie deciz li s-sala ghandha tinkera lil terzi persuni biss fil-hinijiet ta' filghodu sabiex il-Kunsill jkollu ghad-dizpozzizjoni tieghu l-hinjiet ta' filghaxija.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv rrefera ghall-iskema ta' impjieg mal-Kunsilli ghall-persuni b' dizabilta. Huwa nforma li l-ETC baghtu lista' persuni li huma nterresanti li japplikaw, fil-waqt li l-Kunsill qed jircievi diversi CVs ta' dawn il-persuni.

Din il-laqgha spiccat fit-20:15 u sar aggornament ghal nhar
l-Erbgha 20 ta' April 2016 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**